MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2025

Appell Inferjuri Numru 61/2023 LM

**Mark Bugeja (K. I. Nru. 504365M)**
*('l-appellat')*

***vs*.**

**Il-Kunsill dwar il-Professjoni tal-Għalliema ta' Malta**
*('l-appellant')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat **il-Kunsill dwar il-Professjoni tal-Għalliema ta' Malta** [minn issa 'l quddiem 'il-Kunsill appellant'] mis-sentenza mogħtija fis-16 ta' Mejju, 2024, [minn issa 'l quddiem 'is-sentenza appellata'] mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'] fl-

ismijiet fuq premessi, li ddeċieda t-talbiet tar-rikorrent **Mark Bugeja (K.I. nru. 504365M)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellat'] fil-konfront tiegħu, kif ġej:

> *"Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Kunsill intimat ma setax – għaliex legalment impedut milli jagħmel hekk – jistrieħ fuq is-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Mark Bugeja" pronunċjata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-16 ta' Marzu, 2023 u fuq l-Artikolu 30(1)(ċ) tal-Kap. 327 tal-Liġijiet ta' Malta, bħala l-bażi għar-rakkomandazzjoni li l-*warrant *tar-Rikorrent jiġi sospiż.*
>
> *Konsegwentement għalhekk it-Tribunal ma għandux triq oħra ħlief li jħassar u jirrevoka r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill intimat datata 24 ta' April, 2023.*
>
> *Għal dawn ir-raġunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' l-appell tar-Rikorrent mir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill intimat lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni u lis-Segretarju Permanenti datata 24 ta' April, 2023, u jħassar u jirrevoka l-istess imsemmija rakkomandazzjoni.*
>
> *L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jiġu sopportati interament mill-Kunsill intimat."*

**<u>Fatti</u>**

2. Dan il-każ jikkonċerna r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill intimat li r-rikorrent ma kienx għadu idoneu biex iżomm il-*warrant* ta' għalliem, u dan wara li huwa kien instab ħati tar-reat maħsub fl-artikolu 209 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**<u>Mertu</u>**

3. Ir-rikorrent istitwixxa proċeduri quddiem it-Tribunal, fejn spjega li fis-16 ta' Marzu, 2023 il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kienet sabitu ħati tal-imputazzjoni dedotta kontra tiegħu fil-proċeduri fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Joseph Busuttil) *vs.* Mark Bugeja'**, jiġifieri tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 209 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-istess Qorti kienet

illiberatu bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn mill-istess data. Ir-rikorrent qal li kien fid-dawl ta' din id-deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-Professjoni tal-Għalliema fejn irrakkomanda li l-*warrant* tiegħu għandu jiġi sospiż. Żied jgħid li l-artikolu 30(1)(ċ) tal-Att dwar l-Edukazzjoni jistabbilixxi li persuna li tkun instabet ħatja minn qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali ta' *'xi delitt li minħabba fih dik il-persuna fil-fehma tal-Kunsill tista' ma tkunx idonea li tipprattika ta' għalliem fi skola',* m'għandiex tibqa' żżomm il-*warrant* ta' għalliem. Ir-rikorrent spjega li l-Kunsill qies ukoll li ġialadarba r-rikorrent instab ħati tar-reat maħsub fl-artikolu 209 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u li dan l-istess reat ġie kommess ġewwa skola, huwa ma kellux jitqies li huwa idoneu biex jipprattika l-professjoni ta' għalliem fi skola. Qal li kien għalhekk li l-Kunsill irrakkomanda li l-*warrant* tiegħu jiġi revokat b'effett immedjat. Ir-rikorrent qal li *ai termini* tal-artikolu 32 tal-Att dwar l-Edukazzjoni, huwa ħassu aggravat bl-imsemmija deċiżjoni tal-Kunsill, għaliex tali deċiżjoni hija manifestament inġusta, u kien għalhekk li huwa resaq quddiem it-Tribunal fejn talab li dan iħassar, jirrevoka u jannulla r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-Professjoni tal-Għalliema tal-24 ta' April, 2024, fejn irrakkomanda s-sospensjoni tal-*warrant* tiegħu b'effett immedjat, u li l-Kunsill jiġi kkundannat iħallas l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri.

4. Il-Kunsill intimat qal li r-rikorrent kien instab ħati mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, li ġewwa skola partikolari huwa aġixxa b'mod li offenda l-pudur jew il-morali, b'għemil li sar f'lok pubbliku, jew f'lok espost għall-pubbliku, waqt il-ħin tax-xogħol bħala għalliem. Il-Kunsill qal li għalhekk l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u għandhom jiġu respinti. Il-Kunsill spjega li huwa xtarr bir-reqqa r-

reat kommess mir-rikorrent, u s-sentenza li ngħatat fil-konfront tiegħu, u l-fatt li dan ġie liberat bil-kundizzjoni li huwa ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn, minkejja li effettivament instab ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu. Il-Kunsill intimat qal li kien ir-rikorrent li ammetta li kien wettaq l-imsemmi reat. Żied jgħid li huwa kien korrett meta ħa d-deċiżjoni li jirrakkomanda li l-*warrant* tar-rikorrent għandu jiġi sospiż wara li ġie deċiż li dan mhux idoneu biex jipprattika l-professjoni ta' għalliem wara li wettaq reat *ai termini* tal-artikolu 209 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta fi skola fejn suppost li huwa kellu jkun ta' eżempju għall-istudenti. Il-Kunsill intimat qal li huwa inkonċepibbli kif ir-rikorrent jippretendi li jimmerita l-*warrant* sabiex jgħallem lill-istudenti wara li wettaq reat li la għandu jsir fil-pubbliku u wisq inqas fi skola fejn jattendu minuri. Il-Kunsill intimat qal li r-rikorrent falla mill-obbligi u mid-dmirijiet tiegħu bħala għalliem. In vista ta' dan, il-Kunsill intimat sostna li t-talbiet tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda fil-fatt u fid-dritt.

**<u>Is-Sentenza Appellata</u>**

5. It-Tribunal fis-sentenza tiegħu laqa' t-talba tar-rikorrent billi ħassar u irrevoka r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"**Ikkunsidra:***
>
> *B'rakkomandazzjoni indirizzata lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, Iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni (iktar 'il quddiem indikat bħala l-Ministru) u lis-Segretarju Permanenti datata 24 ta' April, 2023 (fn. 6: Dok. "A" fol. 5 tal-proċess), u kkupjata lir-Rikorrent, il-Kunsill intimat irrakkomanda s-segwenti:* fil-kawża (Il-Pulizija (Spettur Joseph Busuttil) vs Mark Bugeja datata 16 ta' Marzu, 2023, il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabet lis-Sur Mark Bugeja (Numru tal-Karta tal-

Identità 0504365M) ħati tal-imputazzjoni dedotta kontra tiegħu, u ċioe r-reat maħsub fl-artikolu 209 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-istess qorti ai termini tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta illiberatu bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn (2) mill-istess data. Għaldaqstant, il-Kunsill dwar il-Professjoni tal-Għalliema jirrakkomanda illi l-warrant ta' għalliem (numru 10641) tas-Sur Mark Bugeja għandu jiġi sospiż. Artikolu 30(1)(ċ) tal-Att dwar l-Edukazzjoni jistabbilixxi li persuna li tkun instabet ħatja minn qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali ta' "xi delitt li minħabba fih dik il-persuna fil-fehma tal-Kunsill tista' ma tkunx idonea li tipprattika ta' għalliem fi skola" m'għandhiex tibqa' żżomm il-warrant ta' għalliem. Il-Kunsill jikkunsidra illi ġaladarba s-Sur Mark Bugeja instab ħati tar-reat maħsub fl-Artikolu 209 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u li dan l-istess reat ġie kommess ġewwa skola, huwa ma huwiex idoneju li jipprattika ta' għalliem fi skola. F'dan ir-rigward il-Kunsill qed jirrakkomanda li l-warrant ta' għalliem (numru 10641) tas-Sur Mark Bugeja għandu jiġi sospiż b'effett immedjat. Din is-sospensjoni tista' titneħħa wara s-16 ta' Marzu, 2025 fuq talba bil-miktub tas-Sur Bugeja lill-Kunsill dwar il-Professjoni tal-Għalliema. Flimkien ma' din it-talba s-Sur Bugeja għandu jippreżenta awtorizzazzjoni li ġġib data ta' wara s-16 ta' Marzu, 2025 sabiex il-Kunsill ikollu aċċess għall-Fedina Penali tiegħu u per di più s-Sur Bugeja jrid mal-istess talba jagħmel dikjarazzjoni li huwa ma nstabx ħati tal-ebda reat kriminali ieħor u illi ma hemmx proċeduri kriminali għaddejjin fil-konfront tiegħu. Permezz tal-preżenti s-Sur Mark Bugeja qed jiġi mfakkar bid-dritt tiegħu illi jappella minn din ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill, lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva skont id-dispożizzjonijiet tal-Artiklu 32 tal-Att dwar l-Edukazzjoni, fi żmien wieħed u għoxrin (21) jum minn dan l-avviż li qed jingħata lill-Ministru.

*Ir-Rikorrent iħossu aggravat bir-rakkomandazzjoni magħmula mill-Kunsill intimat lill-Ministru u interpona dan l-appell quddiem it-Tribunal ai termini tal-Artikolu 32 tal-Kap. 327 tal-Liġijiet ta' Malta. Huwa jitlob lit-Tribunal iħassar, jirrevoka u jannulla r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-Professjoni tal-Għalliema tal-24 ta' April, 2023 fejn irrakkomanda s-sospensjoni b'effett immedjat tal-*warrant *tiegħu. Ir-Rikorrent jibbaża l-appell tiegħu fuq l-aggravju li r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill intimat hija manifestement inġusta.*

*Il-Kunsill intimat jopponi għall-appell tar-Rikorrent mir-rakkomandazzjoni datata 24 ta' April, 2023 u jitlob li l-istess jiġi miċħud in kwantu l-aggravju fuq liema jibbaża l-appell tiegħu huwa għal kollox infondat fil-fatt u fid-dritt stante li* l-Kunsill intimat xtarr bir-reqqa r-reat kommess mir-rikorrent u s-sentenza li ngħatat kontra r-rikorrent. Billi bħala piena r-rikorrent kien ġie liberat bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn (2) huwa xorta waħda nstab ħati tal-imputazzjoni dedotta kontra tiegħu. Wara kollox, kien ir-rikorrent stess li ammetta li wettaq tali reat. Tajjeb

jiġi mfakkar ukoll li azzjoni ċivili u azzjoni kriminali jitmexxew indipendentement waħda mill-oħra (ara f'dan is-sens artikolu 6 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u s-sentenza Adrian Vella et v. Jasmine Azzopardi deċiża mill-Qorti Ċivili Prim'Awla fl-10 ta' Ottubru, 2022). Għalhekk kien korrett il-Kunsill intimat li ssospenda l-warrant tar-rikorrent abbażi tal-Artikolu 30(1)(ċ) tal-Kap. 327 tal-Liġijiet ta' Malta u dan għaliex ċertament ir-rikorrent mhuwiex idoneu li jipprattika ta' għalliem wara li wettaq ir-reat ai termini tal-artikolu 209 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta fi skola fejn huwa kellu jkun ta' eżempju għall-istudenti. Huwa inkonċepibbli kif ir-rikorrent qiegħed jippretendi li huwa jimmerita warrant sabiex jgħallem l-istudenti wara li huwa wettaq reat li la għandu jsir fil-pubbliku in ġenerali aħseb u ara fi skola fejn hemm minuri. Ir-rikorrent suppost kellu jaġixxi ta' eżempju iżda huwa falla bil-kbir mill-obbligi u d-dmirijiet tiegħu ta' għalliem. Kieku verament ir-rikorrent huwa persuna affidabbli sabiex jgħallem l-istudenti li huwa idoneju għal dak l-irwol, ċertament ma kienx joffendi l-pudur jew il-morali, fl-Iskola De La Salle waqt il-ħin tax-xogħol quddiem l-istudenti. Wara kollox, *commodum ex injuria sua non habere debet* u għalhekk ir-rikorrent ma jistax jippretendi li issa jista' jieħu vantaġġ min-nuqqasijiet tiegħu.

*Għal kull buon fini jiġi osservat li għalkemm ġiet sollevata l-kwistjoni tar-rikuża tal-Maġistrat Dr. Charmaine Galea ai termini tal-Artikolu 734(d)(i) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, din ġiet sorvolata permezz ta' Digriet mogħti mill-imsemmija Maġistrat fid-19 ta' Ġunju, 2023 u l-konsegwenti assenjazzjoni tal-proċeduri quddiem it-Tribunal kif issa presjeduta.*

*L-Artikolu 30(1)(ċ) tal-Kap. 327 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq liema l-Kunsill intimat ibbaża r-rakkomandazzjoni tiegħu, jipprovdi li:* "Ebda persuna ma tikkwalifika li tikseb jew ma għandha żżomm warrant skont dan l-Att **jekk dik il-persuna tkun instabet ħatja minn Qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali** *(fn. 7: Enfasi tat-Tribunal): ...* (ċ) ta' xi delitt li minħabba fih dik il-persuna fil-fehma tal-Kunsill tista' ma tkunx idonea li tipprattika ta' għalliem fi skola.

*Il-Kunsill intimat straħ fuq dan il-provvediment tal-Liġi abbażi tas-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Mark Bugeja" pronunċjata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-konfront tar-Rikorrent fis-16 ta' Marzu, 2023. (fn. 8: Dok. "B" a fol. 6 sa 8 tal-proċess). F'dawk il-proċeduri kriminali r-Rikorrent odjern ġie mixli talli* fid-19 ta' Jannar, 2023, għall-ħabta ta' 12:33pm, ġewwa l-Iskola De La Salle, Bormla, u ġewwa dawn il-Gżejjer, offenda l-pudur u l-morali, b'għemil li jsir f'lok pubbliku, jew f'lok espost għall-pubbliku. *Din l-imputazzjoni fil-konfront tar-Rikorrent kienet kjarament ibbażata fuq l-Artikolu 209 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, illi jipprovdi li:* Kull min, barra mill-każijiet imsemmija fl-artikoli ta' qabel dan is-sub-artikolu jew f'dispożizzjonijiet oħra tal-liġi, joffendi l-pudur jew il-morali, b'għemil li

jsir f'lok pubbliku, jew f'lok espost għall-pubbliku, jeħel, meta jinstab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet xhur u multa.

*Fuq ammissjoni da parte tar-Rikorrent, imputat f'dawk il-proċeduri, għall-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabet lill-imsemmi Rikorrent ħati tal-imputazzjoni hekk dedotta kontrih u ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta illiberatu bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn mid-data tas-sentenza.*

*Meta qorti ta' kompetenza kriminali tagħti sentenza ai termini tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, wieħed irid iżomm f'moħħu dak li jipprovdi l-Artikolu 25 tal-imsemmi Kap. tal-Liġijiet ta' Malta in kwantu rigwarda l-effetti ta' din is-sentenza partikolari. L-imsemmi Artikolu tal-Liġi jipprovdi li:* (1) Bla ħsara għal dak hawn iktar 'il quddiem provdut, **dikjarazzjoni ta' ħtija dwar xi reat li dwaru ssir ordni taħt dan l-att li bih il-ħati jitqiegħed taħt sanzjoni komunitarja jew li tkun tillibera lill-ħati għal kollox jew kondizzjonalment għandha titqies bħala <u>li ma tkunx dikjarazzjoni ta' ħtija għal ebda fini</u>** li jkun minbarra (fn. 9: Enfasi tat-Tribunal) – (a) il-finijiet tal-proċeduri li fihom issir l-ordni u kull proċedura sussegwenti li tista' tittieħed kontra l-ħati taħt id-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-Att, u (b) fil-każ ta' uffiċjal pubbliku, il-finijiet jew kull proċedura dixxiplinari li tista' tittieħed kontra jew, kull punizzjoni dixxiplinari li tista' tiġi imposta fuq dak l-uffiċjal pubbliku b'konsegwenza ta' tali dikjarazzjoni ta' ħtija jew ta' xi wieħed mill-fatti li jikkostitwixxu r-reat: Iżda meta ħati, li jkollu mhux inqas minn tmintax-il sena età fiż-żmien tad-dikjarazzjoni ta' ħtija ta' reat li dwaru jitqiegħed taħt sanzjoni komunitarja jew jiġi kondizzjonalment liberat kif hawn qabel imsemmi, sussegwentement jingħata sentenza għal dak ir-reat, id-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu għandhom itemmu japplikaw għal dik id-dikjarazzjoni ta' ħtija. (2) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, id-dikjarazzjoni ta' ħtija ta' ħati li jitqiegħed taħt probation, fuq ordni ta' servizz fil-komunità, fuq ordni ta' probation u servizz jew li jiġi liberat għal kollox jew kondizzjonalment kif hawn qabel imsemmi għandha f'kull każ **tiġi mwarrba għall-finijiet ta' kull liġi li timponi jew tawtorizza xi interdizzjoni, skwalifika, diżabilità jew piena oħra fuq persuna b'dikjarazzjoni ta' ħtija**. *(fn. 10: enfasi tat-Tribunal)*

*Minn dan il-provvediment tal-liġi joħroġ ċar li f'dawk iċ-ċirkostanzi fejn Qorti ta' kompetenza kriminali ssib imputat ħati tal-imputazzjoni/imputazzjonijiet dedotti kontrih iżda tilliberah b'għal kollox jew kondizzjonalment a termini tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, dik id-deċiżjoni ma għandhiex, ħlief għall-każijiet eċċettwati, titqies bħala dikjarazzjoni ta' ħtija. In oltre fejn jidħlu kwistjonijiet ta' interdizzjoni, skwalifika, diżabilità jew piena oħra imposti u/jew awtorizzati b'xi liġi*

*oħra, deċiżjoni fejn imputat ikun instab ħati iżda illiberat għal kollox jew kondizzjonalment, għandha titwarrab għall-finijiet ta' tali konsiderazzjonijiet.*

*Li din hija l-interpretazzjoni korretta tal-Artikolu 25 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta tirriżulta mis-sentenza pronunċjata mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v. Vincent Agius et, Appell Kriminali 535/17*** *deċiża fid-29 ta' Ottubru, 2020, fejn ingħad illi:* Illi skont l-appellant id-diċitura tas-subartikolu (2) [Artikolu 25(2) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta] jeskludu l-applikazzjoni tal-iskwalifika fid-dawl tal-fatt illi l-appellanti qegħdin jitqiegħdu taħt Ordni ta' Probation u Servizz fil-Komunità. Dwar dan il-punt l-appellanti għandhom raġun. Din il-Qorti rriċerkat id-dibattiti parlamentari sabiex tkun tista' tifhem eżattament l-interpretazzjoni li l-leġislatur Malti ried jagħti lil din id-dispożizzjoni tal-liġi. Il-Ministru tal-Ġustizzja ta' dak iż-żmien, l-Onorevoli Tonio Borg jagħti raġun lill-appellanti. Anzi, iġib eżattament l-eżempju ta' gwardjani privati biex jispjega x'ried ifisser biha din id-dispożizzjoni tal-Liġi. Infatti kellu dan xi jgħid dwar din id-dispożizzjoni: - Klawsola 25 – Effetti ta' sanzjoni komunitarja u liberazzjoni. Clause 25 – Effects of community sanction and discharge. ONOR. TONIO BORG: Din il-klawsola titkellem dwar x'inhuma l-effetti ta' sanzjoni komunitarja u liberazzjoni. Din hija importanti għax ħafna drabi l-ġudikanti u anke l-pulizija jinsew li ordni ta' probation jew xi forma ta' community sanction bħala regola ma titqiesx bħala conviction. Ġieli kelli appelli ta' gwardjani privati jew gwardjani lokali li għaxar snin ilu kienu instabu ħatja ta' reat ta' serq, u allura mhux suppost li tinħarġilhom il-liċenzja ta' gwardjani lokali jew privati. Però din il-liġi tagħmilha ċar u tond li jekk jingħataw probation – u din hija meħuda kelma b'kelma mill-Probation Act – ma titqiesx bħala conviction. L-unika darba li titqies bħala conviction hija meta jkun hemm it-tieni reat. Dik hija conviction għax int tiġi qisek reċidiv. Meta sirt Ministru kont naf li kien hemm xi ħaġa simili, imma ma kontx ċert dwarha. Iċċekkjajtha u sibt li hekk hi, jiġifieri m'aħna nagħmlu xejn ġdid hawnhekk. Dik ma titqiesx bħala conviction. Jiġifieri ma tistax ma tagħtix liċenzja ta' gwardjan lokali għax xi darba l-individwu jkun ingħata probation order. Infatti conviction ta' probation order ma tkunx tidher fil-kondotta. Hawnhekk irrid ngħid li hemm differenza bejn il-fedina penali u l-kondotta. Hemm ċerti affarijiet li jibqgħu fil-kondotta, jiġifieri jekk immur infittex f'dik tal-pulizija nista' nsib ċerti affarijiet li imbagħad fiċ-ċertifikat ma jidhrux. Imma għal kull skop ieħor tal-liġi – u issa se nżidu l-community service ukoll – kwalunkwe community sanction u kwalunkwe applikazzjoni ta' xi provvediment taħt dan l-Att – għalkemm hija conviction għax inkella tiġi liberat, ma teħux probation – ma titqiesx bħala conviction. Sa naqra subklawsola 25(2): "Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, id-dikjarazzjoni ta' ħtija ta' ħati li jitqiegħed taħt probation, fuq ordni ta' servizz fil-komunità, fuq ordni ta' probation u servizz jew li jiġi liberat għal kollox jew

kondizzjonalment kif hawn qabel imsemmi għandha f'kull każ tiġi mwarrba għall-finijiet ta' kull liġi li timponi jew tawtorizza xi interdizzjoni, skwalifika, ..” – Għalhekk semmejt il-private wardens “diżabilità jew piena oħra fuq persuni b'dikjarazzjoni ta' ħtija”. Imbagħad hemm l-eċċezzjonijiet. Għaldaqstant, apparti fil-każ ta' proċeduri li jittieħdu taħt il-Probation Act stess jew anke servizz, jew liberazzjoni għal kollox jew kondizzjonata m'għandhiex titqies bħala conviction. Din il-klawsola hija meħuda kelma b'kelma mill-artikolu 12 tal-Att dwar il-Probation ta' Ħatjin, il-Kap. 152 li kien hemm sal-lum.

*Kif osservat iktar 'il fuq u anke kif ingħad fis-sentenza appena ċitata hemm eċċezzjonijiet għal din ir-regola ġenerali, u ċioe l-eċċezzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 25(1)(a)(b) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta stess* ***u*** *eċċezzjonijiet li jirriżultaw minn liġijiet oħra bħal ad eżempju fl-Att dwar Reġistrazzjoni għall-Protezzjoni tal-Minuri, Kap. 518 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*L-Artikolu 2(2) tal-Kap. 518 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li:* Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra, persuna misjuba ħatja ta' reat li għalih tkun inħarġet ordni taħt l-Att dwar il-Probation li tqiegħed lill-persuna mixlija tħat sanzjoni komunitarja jew li tillibera lill-persuna mixlija jew għal kollox jew kondizzjonalmnet għandha, għall-fiijiet ta' dan l-Att, tiġi meqjusa bħala persuna ħatja ta' reat.

*L-Att dwar ir-Reġistrazzjoni għall-Protezzjoni tal-Minuri huwa intiż speċifikament sabiex* jipprovdi għar-reġistrazzjoni ta' persuni mixlija b'reati ta' natura sesswali u persuni oħra mixlija li jkunu wettqu reati ta' vjolenza gravi. *L-Artikolu 3 tal-imsemmi Att jipprovdi li:* (1) Ir-Reġistratur, il-Qorti Ċivili u Tribunali, hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dan l-Att imsejjaħ “ir-Reġistratur”, għandu jżomm reġistru li fih ikun imniżżel l-isem ta' kull persuna soġġetta għall-ħtiġijiet ta' notifikazzjoni, flimkien ma' dawk id-dettalji li jkunu meħtieġa li jiġu notifikati, skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, kif ukoll kopja awtentika tas-sentenza rilevanti jew digriet tal-qorti, kif ikun il-każ. (2) Kull reġistru kif imsemmi fis-subartikolu (1) jista' jkun magħmul u jinżamm f'forma elettronika. (3) Kull persuna reġistrata ma tkunx eliġibbli li tkun membru ta', jew li jkollha impjieg ma', jew li żżomm xi pożizzjoni oħra f'xi istituzzjoni, stabbiliment jew organizzazzjoni li tipprovdi jew li torganizza xi servizz jew attività li tinvolvi l-edukazzjoni, il-kura, il-kustodja, il-ħarsien jew it-trobbija tal-minuri, sew jekk is-sħubija, l-impjieg jew pożizzjoni oħra tkun bi ħlas, kif ukoll jekk le. (4) Kull persuna reġistrata li tkun membru ta', jew impjegata ma', jew iżżomm pożizzjoni f'xi istituzzjoni, stabbiliment jew organizzazzjoni kif imsemmi fis-subartikolu (3), sew jekk is-sħubija, l-impjieg jew pożizzjoni oħra tkun bi ħlas kif ukoll jekk le, għandu jkollha s-sħubija, impjieg jew pożizzjoni tagħha mwaqqfa b'effett immedjat mingħajr ma dik il-persuna tkun

intitolata għal xi kumpens ħlief għal xi ħlas li jista' jkun dovut lilha għas-servizzi mogħtija minnha sal-waqfien.

*L-Artikolu 6 tal-Kap. 518 jipprovdi li:* (1) Persuna tkun soġġetta għall-ħtiġijiet ta' notifikazzjoni taħt dan l-Att għaż-żmien imsemmi fl-artikolu 7 ("Perijodu ta' notifikazzjoni") jekk dik il-persuna – (a) tinstab ħatja ta' reat skedat: Iżda l-Qorti tista', jekk jidhrilha li jkun hekk xieraq, tiddeċiedi li ma tissoġġettax persuna għall-ħtiġijiet ta' notifikazzjoni jekk, fl-opinjoni tal-Qorti, il-każ ikun hekk jitlob; (b) tinstab mhux ħatja ta' reat bħal dak minħabba fir-raġuni ta' ġenn; (ċ) tkun instabet ħatja ta' reat mhux elenkat fl-Iskeda I iżda l-Qorti tkun tal-fehma li dik il-persuna misjuba ħatja tkun ta' theddida jew perikolu għall-edukazzjoni, il-kura, il-kustodja, il-ħarsien jew it-trobbija ta' minuri u tordna r-reġistrazzjoni ta' dik il-persuna fir-Reġistru. (2) Meta xi qorti ta' prim'istanza ssib persuna ħatja ta' reat skedat, dik il-qorti għandha tordna li s-sentenza għandha, meta ssir definittiva, tkun notifikata lir-Reġistratur. Meta l-qorti tkun qorti tal-appell li tagħti sentenza li jkollha l-effett li tikkonferma jew tiddikjara persuna ħatja ta' reat kif imsemmi qabel, dik il-qorti tal-appell għandha tordna li s-sentenza tiġi notifikata minnufih lir-Reġistratur. (3) Persuna li fil-preżent tkun soġġetta għall-ħtiġijiet ta' notifikazzjoni taħt dan l-att għandha tkun magħrufa f'dan l-Att bħala "persuna mixlija rilevanti".

*L-import ta' dawn l-artikoli tal-Liġi huwa ċar ħafna iżda huwa daqstant ieħor ċar li fil-każ in eżami ma kienx hemm reġistrazzjoni u notifikazzjoni tar-Rikorrent u tas-sentenza pronunċjata fil-konfront tiegħu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-16 ta' Marzu, 2023. Jibda biex jiġi osservat li r-reat li bih ġie mixli r-Rikorrent u li ġie minnu ammess ma huwiex reat skedat ai termini tal-Kap. 518 tal-Liġijiet ta' Malta u mis-sentenza msemmija ma jirriżultax li il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ordnat ir-reġistrazzjoni tar-Rikorrent fir-Reġistru.*

*Dan ifisser għalhekk li fil-każ in eżami l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni għall-Protezzjoni tal-Minorenni, Kap. 518 tal-Liġijiet ta' Malta, ma jsibx applikazzjoni fil-każ in eżami u per konsegwenza l-eċċezzjoni dwar l-effetti ta' sentenza ai termini tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, fil-każ in eżami ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, ma ssibx applikazzjoni u b'hekk jibqa' japplika dak provdut fl-Artikolu 25 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Trattata din l-eċċezzjoni għall-prinċipju enunċjat fl-Artikolu 25 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, jifdal li tiġi trattata eċċezzjoni oħra għal tali prinċipju li tirriżulta mill-istess imsemmi artikolu senjatament mis-subartikolu (1) subparagrafu (b): "*(1) Bla ħsara għal dak hawn iktar 'il quddiem provdut, dikjarazzjoni ta' ħtija dwar xi reat li dwaru

ssir ordni taħt dan l-Att li bih il-ħati jitqiegħed taħt sanzjoni komunitarja jew li tkun tillibera lill-ħati għal kollox jew kondizzjonalment għandha titqies bħala li ma tkunx dikjarazzjoni ta' ħtija għal ebda fini li jkun minbarra - ... (b) fil-każ ta' uffiċjal pubbliku, il-finijiet jew kull proċedura dixxiplinari li tista' tittieħed kontra jew, kull punizzjoni dixxiplinari li tista' tiġi imposta fuq dak l-uffiċjal pubbliku b'konsegwenza ta' xi tali dikjarazzjoni ta' ħtija jew ta' xi wieħed mill-fatti li jikkostitwixxu r-reat.

*Fid-dawl ta' dan il-provvediment tal-Liġi, it-Tribunal għandu jiddetermina jekk ir-Rikorrent, bħala għalliem ġewwa De La Salle College, ossia fi Skola tal-Knisja, jistax jitqies li kien uffiċjal pubbliku. It-tifsira ta' uffiċjal pubbliku tinsab fl-Artikolu 124 tal-Kostituzzjoni – artikolu dan del resto indikat fl-Artikolu 2 ta' dan l-Att dwar l-Edukazzjoni:* "uffiċjal pubbliku" għandha l-istess tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni – *liema artikolu tal-liġi jipprovdi li:* "uffiċjal pubbliku" tfisser id-detentur ta' xi kariga pubblika jew persuna maħtura biex taġixxi f'xi kariga bħal dik. *Dejjem fl-imsemmi artikolu tal-Kostituzzjoni "*kariga pubblika" tfisser kariga pubblika bi ħlas fis-servizz pubbliku *u* "is-servizz pubbliku" tfisser, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (2) u (3) ta' dan l-artikolu, is-servizz tal-Gvern ta' Malta f'kariga ċivili.

*Fid-dawl tat-tifsira ta'* "uffiċjal pubbliku" *għandu jsegwi li r-Rikorrent* ***qua għalliem fi Skola tal-Knisja*** *ma jistax u ma għandux jitqies bħala uffiċjal pubbliku. Din l-osservazzjoni ssib konferma wkoll fil-Global Education Monitoring Report ippubblikat mill-UNESCO fejn jingħad hekk* teaching profession: Teachers employed in state schools are considered public officers on an indefinite basis, while teachers in church and independent schools are appointed in accordance with general employment legislation. *(fn. 11:* [https://education-profiles.org/europe-and-northern-america/malta/-malta](https://education-profiles.org/europe-and-northern-america/malta/-malta).

*Fid-dawl ta' dak kollu osservat għalhekk jirriżulta li fil-każ in eżami japplika l-prinċipju enunċjat fl-Artikolu 25 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet fis-sens illi dikjarazzjoni ta' ħtija dwar xi reat li dwaru ssir ordni li tillibera lill-ħati kondizzjonalment – hekk kif inhu l-każ fil-każ in eżami – ma tkunx, għall-finijiet u effetti kollha tal-Liġi, dikjarazzjoni ta' ħtija, u dik l-istess ordni għandha titwarrab għall-finijiet ta' kull liġi li timponi jew tawtorizza xi interdizzjoni, skwalifika, diżabilità jew xi piena oħra fuq persuna b'dikjarazzjoni ta' ħtija.*

*Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Kunsill intimat ma setax – għaliex legalment impedut milli jagħmel hekk – jistrieħ fuq is-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Mark Bugeja" pronunċjata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-*

*16 ta' Marzu, 2023 **u** fuq l-Artikolu 30(1)(ċ) tal-Kap. 327 tal-Liġijiet ta' Malta, bħala l-bażi għar-rakkomandazzjoni li l-*warrant *tar-Rikorrent jiġi sospiż.*

*Konsegwentement għalhekk it-Tribunal ma għandux triq oħra ħlief li jħassar u jirrevoka r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill intimat datata 24 ta' April, 2023."*

## L-Appell

6. Il-Kunsill appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fil-5 ta' Ġunju, 2024, fejn talab lil din il-Qorti sabiex:

*"... tħassar u tirrevoka s-sentenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva fl-ismijiet **Mark Bugeja vs Il-Kunsill dwar il-Professjoni tal-Għalliema f'Malta** deċiża nhar is-16 ta' Mejju, 2024 fejn laqgħet it-talbiet tal-appellat, u minflok tiċħad l-istess talbiet, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess appellat."*

7. Il-Kunsill appellant ibbaża r-rikors tal-appell tiegħu fuq erba' aggravji ewlenin: (i) it-talbiet tal-appellat Bugeja kif dedotti fir-rikors promutur ma jistgħux jissussistu, u ma setgħux jintlaqgħu mit-Tribunal; (ii) it-Tribunal m'għandux jissostitwixxi d-diskrezzjoni tiegħu għal dik tal-organu amministrattiv in kwistjoni; (iii) it-Tribunal kien żbaljat meta qal li skont l-artikolu 25 tal-Kap. 446 il-Kunsill ma setax jirrevoka l-*warrant* tal-appellat; (iv) il-kap tal-ispejjeż.

8. L-appellat wieġeb li r-rikors tal-appell tal-Kunsill appellant għandu jiġi miċħud, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

*L-Ewwel Aggravju:* *[Dwar it-talba tal-appellat]*

9. Il-Kunsill appellant qal li permezz tat-talba tiegħu quddiem it-Tribunal, l-appellat talab li r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-24 ta' April, 2023 tiġi mħassra u revokata, u t-Tribunal laqa' din it-talba tal-appellat fis-sentenza tiegħu. Żied jgħid li l-appellat ma talabx li tiġi mħassra d-deċiżjoni tal-Ministru tal-Edukazzjoni li permezz tagħha ġie revokat il-*warrant* tiegħu. Il-Kunsill appellant spjega li l-artikolu 32(1) tal-Kap. 327 jagħti dritt ta' appell quddiem it-Tribunal minn deċiżjoni tal-Ministru għall-Edukazzjoni u mhux minn rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-Professjoni tal-Għalliema. L-appellant qal li għalhekk l-appellat ma setax jersaq quddiem it-Tribunal b'talba bħal dik imressqa minnu, u dan għaliex it-Tribunal ma setax jisma', jiddeċiedi u jilqa' t-talba tal-appellat kontra l-Kunsill kif dedotta.

10. L-appellat laqa' għal dan l-aggravju billi qal li kien l-istess Kunsill li permezz ta' ittra tat-24 t'April, 2023 mibgħuta lill-Onorevoli Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, lis-Segretarju Permanenti u lill-appellat, li l-appellat ġie mfakkar fid-dritt tiegħu li jappella mir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 32 tal-Att dwar l-Edukazzjoni, u dan fi żmien wieħed u għoxrin (21) jum mill-avviż li ngħata lill-Ministru.

11. Il-Qorti kkunsidrat li fil-każ odjern saret rakkomandazzjoni mill-Kunsill appellant lill-Ministru sabiex il-*warrant* tal-appellat tiġi sospiża għal perijodu ta' żmien, u dan fil-kuntest tat-teħid ta' proċeduri kriminali fil-konfront tiegħu, tal-ammissjoni tal-akkużi miġjuba kontrih, u tad-deċiżjoni li l-appellat jingħata l-liberatorja bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat ieħor fi żmien sentejn mid-data ta' dik is-sentenza. Fl-ittra li permezz tagħha l-appellat ġie infurmat bir-

rakkomandazzjoni li l-Kunsill għamel lill-Ministru, huwa ġie infurmat ukoll li kellu dritt jappella mid-deċiżjoni fi żmien wieħed u għoxrin (21) ġurnata quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva. Huwa ċar u joħroġ mil-liġi wkoll, li f'każijiet bħal dawn il-Kunsill għandu diskrezzjoni wiesgħa, poteri investigattivi u anki l-poter li jiddeċiedi jekk persuna għandhiex iżżomm il-*warrant* jew inkella din għandhiex tingħata xi forma ta' sanzjoni bis-sospensjoni jew bit-teħid tal-*warrant,* u li r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill f'dan is-sens jiġu attwati mill-Ministru responsabbli mis-settur, sabiex b'hekk jista' jingħad li l-kelma finali f'dan ir-rigward hija dik tal-Kunsill u mhux tal-Ministru. L-artikolu 32(1) tal-Kap. 327 tal-Kap. 327 tal-Kap. 327 jipprovdi:

> "32(1) Kull persuna li tħossha aggravata b'deċiżjoni tal-Ministru, li jkun iddeċieda skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill, li biha jiċħad talba għal *warrant,* jew meta ma tkunx ġiet notifikata lill-applikant id-deċiżjoni fiż-żmien stabbilit fl-artikolu 29, jew li biha jiġi sospiż jew imħassar *warrant,* taħt id-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima, tista', fi żmien wieħed u għoxrin jum mill-avviż li jingħata lill-Ministru, tappella lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva u xi regolamenti applikabbli magħmula taħtu."

12. Il-kliem tal-liġi huwa ċar, u d-data entro liema għandu jitressaq l-appell quddiem it-Tribunal hija marbuta mad-data meta jingħata l-avviż lill-Ministru mill-Kunsill, u mal-ebda data oħra. Għalhekk huwa ċar li l-appell tal-persuna aggravata jsir mir-rakkomandazzjoni li l-Kunsill jagħmel lill-Ministru u mhux mid-deċiżjoni tal-Ministru, li l-funzjoni tal-Ministru f'dan il-proċess hija limitata għall-attwazzjoni tar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill, inkluż fejn ikun hemm il-ħtieġa li l-*warrant* tiġi restitwita. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, tqis li l-ewwel aggravju tal-Kunsill appellant mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu.

*It-Tieni Aggravju:* *[It-Tribunal ma jistax jissostitwixxi d-diskrezzjoni tal-organu amminstrattiv bid-diskrezzjoni tiegħu]*

13. L-appellant qal ukoll li filwaqt li t-Tribunal ikkonferma l-kontenut tad-deċiżjoni tal-inkjesta li saret mill-istess Kunsill, u qabel magħha, u filwaqt li sab li l-Kunsill mexa skont il-liġi, iżda imbagħad qal li s-sanzjoni imposta fuq l-appellat ma kinitx l-aktar waħda idonea fiċ-ċirkostanzi. L-appellant qal li huwa prinċipju stabbilit fid-dritt amministrattiv li t-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva ma jistax jissostitwixxi d-diskrezzjoni tal-organu amminstrattiv bid-diskrezzjoni tiegħu, għaliex b'hekk ikun qiegħed jużurpa l-funzjonijiet ta' dak l-organu amministrattiv. Qal li t-Tribunal issostitwixxa d-diskrezzjoni tiegħu billi ddeċieda li r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill li jiġi mħassar il-*warrant* tal-appellat kienet drakonjana, u rrevokaha. Qal li t-Tribunal saħansitra ssuġġerixxa li minflok jiġi sospiż il-*warrant* tal-appellat, dan seta' jiġi sospiż b'xi kundizzjonijiet. L-appellant qal li t-Tribunal m'għandux il-kompetenza li jissostitwixxi d-diskrezzjoni tal-organu amministrattiv bid-diskrezzjoni tiegħu, u jużurpa l-funzjonijiet ta' dak l-organu amministrattiv.

14. L-appellat wieġeb billi qal li t-Tribunal għandu l-poter u l-fakultà li jirrevedi r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill għaliex din kienet drakonjana wisq, u meta għamel dan, it-Tribunal kien qiegħed juża l-fakultà tiegħu ta' tribunal ta' reviżjoni u rreveda r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill, imma dan ma jfissirx li t-Tribunal issostitwixxa d-diskrezzjoni tal-organu amministrativ u użurpa l-funzjonijiet ta' dak l-organu, għaliex id-deċiżjoni tal-organu amministrattiv kienet waħda drakonjana.

15. Il-Qorti tirrileva li minn qari tas-sentenza ma jirriżultax li t-Tribunal ibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq il-fehma li r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill kienet waħda drakonjana, u lanqas ma jirriżulta li sar xi forma ta' suġġeriment mit-Tribunal dwar in-natura tas-sanzjoni li kellu jingħata l-appellat. Minn qari tas-sentenza appellate, jirriżulta li t-Tribunal qies il-fatt li l-Kunsill appellant ibbaża r-rakkomandazzjoni tiegħu fuq l-artikolu 30(1)(ċ) tal-Kap. 327 tal-Liġijiet ta' Malta, u fuq is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-16 ta' Marzu, 2023. It-Tribunal għamel il-konsiderazzjonijiet tiegħu dwar dak li jipprovdi l-artikolu 25 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, u dwar il-fatt li l-appellat ingħata l-liberatorja bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn. It-Tribunal qies ukoll li r-reat li ġie mixli bih l-appellat ma kienx reat skedat *ai termini* tal-Kap. 518 tal-Liġijiet ta' Malta, u li lanqas ma jirriżulta li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ordnat ir-reġistrazzjoni tal-appellat fir-Reġistru. It-Tribunal ikkonkluda li dan ifisser li fil-każ in eżami m'għandux jiġi applikat il-Kap. 518 tal-Liġijiet ta' Malta, u għalhekk l-eċċezzjoni dwar l-effett ta' sentenza *ai termini* tal-Kap. 446 m'għandiex tiġi applikata. It-Tribunal qies ukoll li bħala għalliem fi skola tal-Knisja, l-appellat ma jistax jiġi kkunsidrat bħala *'uffiċjal pubbliku',* u għalhekk lanqas ma japplika l-artikolu 25(1)(b) tal-Kap. 446. Kien in vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, li t-Tribunal qies li l-Kunsill appellant ma setax, u kien legalment impedut milli jistrieħ fuq is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex jirrakkomanda li jiġi sospiż il-*warrant* tal-appellat, u in vista ta' dan ikkonkluda li huwa m'għandu l-ebda triq oħra ħlief li jirrevoka r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill. Għalhekk ma jirriżultax dak lamentat mill-appellant, li fil-każ odjern it-Tribunal b'xi mod ipprova jissostitwixxi d-

diskrezzjoni tal-Kunsill ma' dik tiegħu. Għaldaqstant, tqis li dan l-aggravju mhuwiex gustifikat, u tiċħdu wkoll.

*It-Tielet Aggravju: [Il-kwistjoni tar-revoka tal-*warrant *ta' għalliem]*

16. Permezz tat-tielet aggravju tiegħu, l-appellant qal li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, b'sentenza tas-16 ta' Marzu, 2023 sabet lill-appellat ħati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu, u dan ifisser li l-appellat mhux persuna idonea biex jipprovdi s-servizzi ta' edukatur, speċjalment meta r-reat sar quddiem l-istudenti ġo skola fejn huwa kien jgħallem. L-appellant qal li għalhekk l-artikolu 25 tal-Kap. 446 ma japplikax fil-każ odjern.

17. L-appellat qal li t-Tribunal kien korrett ukoll meta qal li skont l-artikolu 25 tal-Kap. 446 il-Kunsill ma setax jirrevokalu l-*warrant.*

18. Il-Qorti tgħid li hawnhekk għandu raġun il-Kunsill appellant. Lil hinn mis-sejbien ta' ħtija jew xort'oħra, lil hinn mill-implikazzjonijiet ta' xi tfisser sentenza fejn persuna tiġi liberata mill-akkużi miġjuba kontriha bil-kundizzjoni li ma twettaq l-ebda reat ieħor fi żmien sentejn, fil-każ odjern il-Kunsill qeda l-obbligu li huwa fdat bih bil-liġi, iġifieri li jinvestiga kull allegazzjoni ta' imġieba professjonali ħażina, negliġenza serja, jew inkompetenza dwar xi għalliem. L-artikolu 31 tal-Kap. 327 jagħti elenku mhux eżawrjenti ta' x'inhi t-tip ta' imġieba li tista' titqies li hija imġieba professjonali ħażina, jew negliġenza serja jew inkompetenza, inkluż *'imġieba li tista' tkun ta' ħsara għall-professjoni tal-għalliema'.* M'hemmx dubju li fil-każ odjern, ir-reat li ġie mixli bih l-appellat, u li

huwa ammetta li wettaq, għaliex ta' min jgħid li minkejja l-liberatorja, l-appellat ammetta li wettaq ir-reat li ġie mixli bih, jiġifieri li offenda l-morali u l-pudur ta' minuri, u dan kollu seħħ fl-iskola fejn huwa kien jgħallem, jammonta għal imġieba li tista' tkun ta' ħsara għall-professjoni. Din il-Qorti tgħid li m'għandhiex għalfejn toqgħod tiddelunga dwar ir-raġunijiet għalfejn dak li ġie akkużat bih l-appellat, u li huwa nnifsu ammetta li għamel, jammonta għal imġieba li mhijiex denja ta' edukatur, aktar u aktar meta din l-imġieba seħħet f'ambjent ta' skola fejn kien hemm preżenti minuri fdati taħt il-kura tiegħu. Il-Qorti tqis li l-Kunsill appellant għandu diskrezzjoni wiesgħa fl-investigazzjoni li jista' jwettaq, tant hu hekk, li persuna m'hemmx għalfejn tkun akkużata quddiem qorti, bord jew tribunal, biex tiskatta dwarha investigazzjoni mill-Kunsill appellant dwar jekk dik il-persuna għadhiex idonea biex iżżomm il-*warrant* ta' għalliema. Konsiderazzjonijiet oħra li għamel it-Tribunal bħal x'inhi l-implikazzjoni tal-liberatorja fil-każ odjern, jew il-fatt li l-appellat mhuwiex meqjus bħala uffiċjal pubbliku, ma jinċidux fuq il-mertu li dwaru kellu jiddeċiedi l-Kunsill, u t-Tribunal lanqas ma kellu għalfejn jidħol fihom fil-konsiderazzjonijiet li għamel. Huwa minn ewl id-dinja li persuna li jammetti li wettaq l-għemil li bih ġie mixli l-appellat, mhuwiex idoneju biex iżżomm il-*warrant* ta' għalliem, almenu għal xi żmien, hekk kif fil-każ odjern jirriżulta li l-*warrant* ġie sospiż u mhux revokat. Fil-fehma ta' din il-Qorti, ma kien hemm xejn drakonjan fid-deċiżjoni li ħa l-Kunsill, li ordna li l-*warrant* tal-appellat tiġi sospiża għal perijodu ta' sentejn, u li l-pożizzjoni tal-appellat terġa' tiġi evalwata mill-ġdid wara li jgħaddi ż-żmien tas-sospensjoni. L-imsemmi perijodu ta' sentejn illum skada, u għalhekk il-mertu tal-appell jista' jitqies li ġie eżawrit. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti tilqa' t-tielet aggravju tal-Kunsill appellant, u tqis li ma kien hemm xejn

x'iżomm lill-Kunsill appellant milli jiddeċiedi bil-mod kif iddeċieda dwar l-idoneità tal-appellat biex iżomm il-*warrant* ta' għalliem.

*Ir-Raba' Aggravju:* *[Il-kap tal-ispejjeż]*

19. L-appellant qal ukoll li t-Tribunal ma kienx korrett meta ddeċieda li l-ispejjeż ġudizzjarji għandhom jitħallsu minnu, imma huwa l-appellat li għandu jbati l-ispejjeż taż-żewġ istanzi.

20. Fid-dawl tad-deċiżjoni ta' din il-Qorti li t-Tribunal kien żbaljat fl-apprezzament tal-mertu veru u proprju tal-vertenza li kellu quddiemu, din il-Qorti qiegħda tilqa' dan l-aggravju, u sejra tiddeċiedi li l-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mill-appellat.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-appell billi filwaqt li tiċħad l-ewwel żewġ aggravji mressqa mill-Kunsill appellant, tilqa' t-tielet u r-raba' aggravju, u b'hekk tiddeċiedi li l-Kunsill appellant kien korrett meta għamel ir-rakkomandazzjoni tiegħu tal-24 ta' April, 2023, u għalhekk is-sentenza appellata għandha tiġi revokata.**

**L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri fiż-żewġ istanza, għandhom ikunu a karigu tal-appellat[1].**

[1] Korrezzjoni awtorizzata b'digriet tas-27 ta' Mejju 2025.

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**